**KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 27

L-Erbgha, 25 ta' Lulju, 2012

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida.

Il-President, Dr. Malcolm Mifsud ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President Dr. Malcolm Mifsud, is-Sinj. Annhelica Agius, Vici Sindku Tal-Pieta`, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Horace Anastasi, Sindku Sta. Venera, is-Sur Etienne Bonello DuPuis, Sindku San Gwann, is-Sinj. Antoinette Vassallo, Sindku Ta' Xbiex u s-Sinj. Margaret Baldacchino Cefai, Vici Sindku Msida.

Is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, informa li kien ser ikun imsiefer u s-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard informa li ma setghax jattendi u ghalhekk gew skuzati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 26 li saret nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2012, kienu approvati unanimament.

***FINANCIAL STATEMENTS* GHALL PERJODU LI JAGHLAQ 31.12.11**

L-A. Segretarju Ezekuttiv informa li kien gie nfurmat mill-Accountants Nexia BT li dawn kienu ser ikunu lesti fit-2 t'Awwissu. Ghalhekk kienu se jigu pprezentati f'seduta ohra.

**IL-KUNTRATT MA' DATATRAK**

Il-President informa li kopja ta' dan il-kuntratt u kopja ta' e-mail minghand Datatrak dwar tnaqqis mill-kontijiet minn Settembru '11 sa April '12 meta tintuza l-fomula l-gdida, kien intbaghat b'e mail lil kulhadd.

Is-Sur Joe Camilleri qal li kienu ddiskutew din il-materja fil-Kunsill tal-Gzira u hemm il-mistoqsija jekk ir-Regjun jistghax jiffirma dan il-kuntratt minghajr ma tohrog sejha ghall-offerti.

Is-Sur Etienne Bonello DuPuis qal li anki l-Kunsill San Gwann kien iddiskuta dan u qabel li ghandu jkun hemm sejha ghall-offerti.

Il-President qal li dwar dan il-kuntratt hemm qbil bejn l-AKL, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u Datatrak u dan ukoll bl-approvazzjoni tal-Ministeru.

Is-Sur Bonello DuPuis insista li ghal dan is-servizz ghandha tohrog sejha ghall-offerti u b'hekk ir-Regjun zgur li kien se jiffranka l-flus minn dan is-servizz.

Il-President qal li jekk jinhareg tender wahdu, ir-Regjun qed jipperikola li tikrolla s-sistema ta' l-infurzar kollha. Id-delega ta' l-infurzar lokali qieghdha ghand ir-Regjun izda ma jaghmilx sens li ma jkunx hemm koordinament ma' Regjuni ohra.

Is-Sur Bonello DuPuis insista li tohrog sejha ghal dan is-servizz irrispettivament jekk tikrollax is-sistema jew le.

Is-Sinj. Antoinette Vassallo staqsiet jekk la darba hemm ftehim bejn l-AKL u l-Gvern dwar dan il-kuntratt, ir-Regjun hux kopert mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-President wiegeb li d-Dipartiment tal-Kuntratti jidhol meta jkun hemm sejha ghall-offerti u dan huwa estensjoni tal-kuntratt precedenti li kien hemm mal-Kumitati Kongunti.

Is-Sur Horace Anastasi qal li dan il-kuntratt ma jistghax jissejjeh estensjoni tal-kuntratt ta' qabel ghax dan kien ilu zmien twil ghaddej mal-Kumitati Kongunti.

Is-Sur Bonello DuPuis u s-Sur Joe Camilleri qalu li hija redikola kemm qed jiehdu flus id-Datatrak minn kull multa. Is-Sur Bonello DuPuis qal li hu ma jaqbilx li tinghata *direct order* hekk u ssugerixxa li filwaqt li r-Regjun ikompli bis-sistema ta' bhalissa, tinhareg Expression of Interest ghal dan is-servizz sabiex ir-Regjun jara x'kumpaniji hawn interessati.

Is-Sur Joe Camilleri qal li bl-iskont li qed joffru Datatrak juri l-profitti kbar li ghandhom mis-sistema.

Is-Sur Anthony Chircop staqsa jekk hemmx xi awment fir-rati fil-perjodu tal-kuntratt. Il-President wiegeb li l-formula ta' kif isir il-hlas tibqa' l-istess izda minhabba li l-kuntratt huwa bbazat fuq il-*performance* tas-servizz, il-hlas ivarja bejn xahar u iehor.

Is-Sur Horace Anastasi issugerixxa li minhabba x-xetticizmu minn uhud mill-membri, ir-Regjun jikteb lid-Dipartiment sabiex ikun konfermat jekk dan hux regolari.

Il-President qal li sakemm nibqghu bil-kundizzjonijiet prezenti, ir-Regjun se jkun qieghed jitlef il-flus.

Is-Sur Bonello DuPuis irrefera ghal e mail li baghat lill-President dwar kif u ghalfejn ir-regjun ghandu jesplora modi ohra fis-sistema.

Qabel intemmet id-diskussjoni, il-President qal li kien ser igib konferma mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li dan il-kuntratt jista' jigi ffirmat u kienu se jigu mistiedna s-Sur Joe Fenech Conti tad-Datatrak u s-Sur Michael Cohen, President AKL ghal Seduta ohra.

## MISTOQSIJIET

- Is-Sur Anthony Chircop staqsa lil min il-Kunsill jista' jcempel f'kazijiet ta' urgenza f'hinijiet li ma jkunx hemm gwardjani. Il-President wiegeb li f'dawn il-kazijiet ghandha tintalab l-ghajnuna tal-Pulizija. Jekk hemm xi diffikultajiet, ir-Regjun jista' jressaq dawn f'laqghat li jistghu isiru mal-Pulizija.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

***Laqgha ma' Guard and Warden***

Il-President qal li flimkien ma' l-A. Segretarju Ezekuttiv u l-Authorised Officer kienu iltaqghu mas-Sur Kenneth Demartino dwar tliet *issues* fis-servizz tal-gwardjani.

L-ewwel *issue* kienet dwar jekk il-gwardjani jistghux jipparkjaw f'postijiet fejn hemm *double-yellow line*. Is-Sur Horace Anastasi qal li f'kazijiet ta' emergenza ghandhom jithallew jipparkjaw. Il-President qal li r-Regjun ghandu jistabilixxi x'inhu permessiv.

Ghalhekk kien hemm qbil li dan huwa permessiv biss b'dawn il-kundizzjonijiet:

- diment li l-gwardjan mhux il-boghod mill-vettura b'tali mod li l-vettura tieghu tibqa' vizibbli minfejn ikun;
- diment li l-vettura mhux qed tkun ta' ostaklu jew periklu ghat-traffiku;
- ma jidhol fl-ebda stabbiliment (ghal skop personali);
- il-vettura tkun bil-*beacon /hazard lights* mixghulin.

It-tieni issue kienet dwar l-uzu tal-Quad Bikes flok l-uzu ta' xi vetturi. Dawn huma irhas, jistghu jipparkjaw b'mod aktar facli u jistghu jintuzaw ukoll fix-xitwa. Kien hemm qbil li tingieb ir-rata taghhom qabel ir-Regjun jiddeciedi.

It-tielet *issue* kienet dwar it-tigdid tal-*Performance Bond*. Bhalissa il-valur tal-*Performance Bond* huwa ta' €90,000 u s-Sur Demartino qed jitlob li l-valur ikun ibbazat fuq il-*fixed costs* u li cioe` tigi ghall-valur ta' €70,000. Ir-Regjun unanimament qabel li l-estensjoni tal-*Performance Bond* issir fil-valur ta' €75,000

**APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sur Joe Camilleri, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 27. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*. hlief ghall-pagamenti b'nru. ta' riferenza 2,3,4,5,6,7,8 u 12 u li huma kontijiet ta' Guard and Warden Service House u Datatrak fejn kien hemm astensjoni dwarhom mis-Sur Etienne Bonello Dupuis.

**TMIEM**

Fl-4.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li seduta ohra issir nhar it-Tlieta, 7 ta' Awwissu, fis-13.30.

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Dr. Malcolm Mifsud
President